



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 12.3.2012
C(2012) 1447 final

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' 12.3.2012

**dwar l-adozzjoni tal-programm ta' ħidma dwar il-Politika Marittima Integrata
għall-2011 u l-2012**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' 12.3.2012

dwar l-adozzjoni tal-programm ta' ħidma dwar il-Politika Marittima Integrata għall-2011 u l-2012

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1255/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2011 li jstabilixxi Programm biex jiġi appoġġjat l-iżvilupp ulterjuri ta' Politika Marittima Integrata¹, u partikolarment l-Artikolu 8 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej² u partikolarment l-Artikoli 75 u 110 tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikoli 75 u 110 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej³ (ir-“Regolament Finanzjarju”) u l-Artikolu 90(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 fuq ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej⁴ (ir-“Regoli ta' Implimentazzjoni”), l-impenn għan-nefqa mill-baġit tal-Unjoni Ewropea għandu jkun preċedut b'deċiżjoni ta' finanzjament li tistabilixxi l-elementi essenzjali tal-azzjoni li tinvolvi n-nefqa u adottata mill-istituzzjoni jew mill-awtoritajiet li lilhom ikunu ġew iddelegati s-setgħat mill-istituzzjoni.
- (2) Skont l-Artikolu 110 tar-Regolament Finanzjarju, għandu jiġi adottat programm ta' xogħol annwali għall-għotjiet.
- (3) Il-programm ta' ħidma huwa qafas dettaljat biżżejjed skont it-tifsira tal-Artikolu 90(2) u (3) tar-Regoli ta' Implimentazzjoni, u d-deċiżjoni attwali tikkostitwixxi deċiżjoni ta'

¹ ĠU L 321, 5.12.2011, p. 1.

² ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

³ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁴ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 1.

finanzjament għan-nefqa prevista fil-programm ta' ħidma għall-għotjiet u għall-akkwisti.

- (4) Skont l-Artikolu 168(1)(c) tar-Regoli ta' Implimentazzjoni, l-għotjiet jistgħu jingħataw mingħajr sejħa għall-proposti lill-korpi b' monopolju *de jure* jew *de facto*. L-awtoritajiet governattivi ta' Stati Membri tal-Mediterran li qegħdin jospitaw il-Forum Mediterranju tal-Gwardji tal-Kosta kif iddeterminat mill-Istati Membri jiddisponu minn għarfien espert esklussiv u/jew minn kompetenza u għalhekk għandhom monopolju *de facto* li jiġġustifika l-għoti ta' għotjiet lilhom mingħajr sejħa għall-proposti bħala kontribut għax-xogħol tagħhom.
- (5) Id-deċiżjoni attwali ta' finanzjament tista' tkopri wkoll il-ħlas ta' imgħax dovut għal pagamenti tard abbażi tal-Artikolu 83 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 u l-Artikolu 106(5) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2342/2002.
- (6) Huwa xieraq li t-terminu 'bidla sostanzjali' jiġi definit skont l-Artikolu 90(4) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2342/2002 għall-applikazzjoni ta' din id-deċiżjoni.
- (7) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Politika Marittima Integrata stabbilit bl-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 1255/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

IDDEĊIEDIET KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-programm ta' ħidma għall-għotjiet u għall-akkwisti fil-qafas tal-Programm li jappoġġja l-iżvilupp ulterjuri ta' Politika Marittima Integrata (minn hawn 'il quddiem il-“programm ta' ħidma”), kif stabbilit fl-Anness, huwa b'dan adottat. Dan jikkostitwixxi deċiżjoni ta' finanzjament skont l-Artikolu 75 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002.

Artikolu 2

Il-kontribuzzjoni massima għall-programm ta' ħidma hija stabbilita għal EUR 39 700 000 u għandha tkun iffinanzjata mill-intestatura tal-baġit 11 09 05 tal-Baġit Ġenerali tal-Unjoni Ewropea b'dan il-mod:

- (a) għall-2011: EUR 23 140 000
- (b) għall-2012: EUR 16 560 000

Dawn l-appropriazzjonijiet jistgħu jkopru wkoll l-imgħax dovut għal pagament tard.

Artikolu 3

Bidliet kumulattivi fl-allokkazzjonijiet għall-azzjonijiet speċifiċi li ma jaqbżux il-15 % tal-kontribuzzjoni massima stabbilita fl-Artikolu 2 mhumiex ikkunsidrati bħala sostanzjali skont it-tifsira tal-Artikolu 90 (4) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2342/2002, fejn daww il-bidliet ma jaffettwawx b'mod sinifikanti n-natura u l-objettiv tal-programm ta' ħidma.

L-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni responsabbli jista' jadotta dawn il-bidliet skont il-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja soda u ta' proporzjonalità.

Magħmula fi Brussel, 12.3.2012

*Għall-Kummissjoni
Maria DAMANAKI
Membru tal-Kummissjoni*

VERA KOPJA TA' L-ORIĠINAL
Għas-Segretarju Ġenerali

Jordi AYET PUIGARNAU
Direttur tar-Reġistru

ANNEX 1

ANNEX 1

Il-Programm għall-appoġġ tal-iżvilupp ulterjuri ta' Politika Marittima Integrata (2011-2013) – Programm ta' Ħidma għall-2011

1. GĦOTJIET

INTESTATURA TAL-BAĠIT 11 09 05

1.1. L-iżvilupp ta' għodda transversali

Bażi legali: l-Artikoli 2(b), 3.2 u 5.1(a) tar-Regolament (UE) Nru 1255/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2011 li jstabbilixxi Programm biex jiġi appoġġjat l-iżvilupp ulterjuri ta' Politika Marittima Integrata (minn hawn 'il quddiem ir-“Regolament tal-IMP”)

L-iżvilupp ta' strumenti speċifiċi għall-IMP, li joħloq sinerġiji bejn il-politiki settorjali (hekk imsejħa “għodda transversali”) ġie rikonoxxut mill-koleġislaturi bħala prijorità ewlenija għall-programm tal-IMP.

1.1.1. Proġett dwar l-Ippjanar tal-Ispazju Marittimu fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed

L-Ippjanar tal-Ispazju Marittimu (Maritime Spatial Planning - MSP) huwa ġeneralment aċċettat bħala għodda kruċjali biex tiġi appoġġjata l-ġestjoni soda tal-ibħra u tal-oċeani, inkluż fl-implimentazzjoni tal-Protokoll ICZM tal-Konvenzjoni ta' Barċellona. Minkejja l-attivitajiet li għaddejjin ta' ċerti Stati Membri tal-UE fl-implimentazzjoni tal-MSP fil-livell nazzjonali jew reġjonali, fil-preżent il-kooperazzjoni transkonfinali bejn l-Istati Membri għada limitata. Għalhekk il-Kummissjoni għandha l-intenzjoni li tistimula l-iżvilupp ta' approċċ transkonfinali, ibbażat fuq l-ekosistema lejn l-MSP fiż-żoni marittimi Ewropej, fost azzjonijiet oħra permezz ta' proġetti b'kofinanzjament mill-UE f'diversi baċini tal-baħar tal-UE. Il-benefiċjarji potenzjali f'dawn il-proġetti huma korpi pubbliċi tal-Istati Membri li jmissu maż-żona tal-baħar (f'dan il-każ, il-Baħar Mediterran u l-Baħar l-Iswed) kif ukoll il-Konvenzjonijiet reġjonali rilevanti dwar il-baħar (f'dan il-każ, il-Konvenzjoni ta' Barċellona u l-Konvenzjoni ta' Bukarest). Il-proġett għandu jinvolti l-awtoritajiet involuti f'attivitajiet tal-baħar li jinvolve implikazzjonijiet spazjali.

Tip	Ftehim ta' għotja għal azzjoni - sejħa għall-proposti
Baġit	EUR 1 000 000
Deskrizzjoni	Proġett bi prova biex jinkiseb għarfien u esperjenza prattiċi fl-implimentazzjoni tal-MSP f'żona waħda transkonfinali jew iktar tal-baħar li jinsabu fil-Baħar Mediterran/fil-Baħar l-Iswed, li għandhom jintgħażlu mill-imsieħba tal-proġett. Fiż-żona/i magħżula, l-imsieħba għandhom jittestjaw b'mod konkret l-implimentazzjoni tal-MSP, inkluż it-tweqqif ta' valutazzjoni inizjali, l-iżvilupp ta' pjan għall-ispazju marittimu u s-suġġeriment ta' proċess ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni. Il-proġett għandu jipprovdi valur miżjud lill-

	<p>attivitajiet ta' kooperazzjoni li diġà għaddejnin f' dan il-qasam u għandu jidentifika l-ostakli eżistenti u potenzjali u jifformula rakkomandazzjonijiet dwar l-applikazzjoni tal-MSP f' żoni transkonfinali. Għandu jespjora wkoll ir-rabtiet bejn l-MSP u l-ICZM u b'hekk jikkontribwixxi għal fehim aħjar tas-similaritajiet u d-differenzi bejn iż-żewġ kunċetti.</p>
Objettivi u riżultati mistennija	<p>L-għan huwa li jiġi stimulat l-iżvilupp ta' MSP transkonfinali abbażi tal-ekosistema, f' konformità mal-10 prinċipji ewlenin tal-Komunikazzjoni dwar il-Pjan Direzzjonali tal-2008. L-ostakli eżistenti u potenzjali għandhom jiġu identifikati u għandhom jiġu fformulati rakkomandazzjonijiet biex jibbenefikaw l-applikazzjoni transkonfinali tal-MSP madwar l-UE kollha. Għandhom jiġu esplorati wkoll ir-rabtiet bejn l-MSP u l-Ġestjoni Integrata taż-Żoni Kostali ('Integrated Coastal Zone Management' – ICZM).</p>
Kriterji essenzjali tal-għażla u tal-għoti	<p><u>Kriterji tal-għażla:</u> L-applikanti għandu jkollhom il-kapaċità ekonomika, finanzjarja, teknika u professjonali meħtieġa biex jimplimentaw u jlestu l-proġett propost. L-applikazzjoni għandha turi l-istatus legali tal-applikant u l-kapaċità finanzjarja u operattiva tiegħu biex iwettaq il-proġett propost.</p> <p><u>Kriterji tal-għoti:</u></p> <ul style="list-style-type: none"> – <i>Rilevanza:</i> L-applikanti għandhom jiddeskrivu kif huma jifhmu l-objettivi tal-proġett, kif il-proposta tagħhom tindirizza dawn l-objettivi u sa liema punt il-proġett se jkollu impatt fir-rigward ta' kwistjonijiet eżistenti relatati mal-MSP fil-qasam/l-oqsma magħżul(a). – <i>Valur miżjud u innovazzjoni:</i> L-applikanti għandhom juru li l-proġett se jżid mal-għarfien u mal-esperjenza eżistenti rilevanti għall-iżvilupp ta' approċċ komuni għall-MSP fl-UE, u sa liema punt il-proposta tirrappreżenta approċċ innovattiv lejn l-MSP. B'mod partikolari, għandha tingħata attenzjoni lill-għażla ta' żona/i xierqa għal MSP transkonfinali. – <i>Metodoloġija:</i> L-applikanti għandhom jiddeskrivu l-metodoloġija ta' ħidma proposta tagħhom għall-implimentazzjoni f' waqtha u b' suċċess tal-proġett. B'mod partikolari, l-applikanti għandhom jipprovdu skeda/pjan ta' ħidma dettaljat(a). L-applikanti għandhom jiddeskrivu wkoll kif se jiżguraw l-iskambju suffiċjenti ta' dejta meħtieġa għall-MSP bejn il-partiċipanti fil-proġett u fejn jaraw l-isfidi ewlenin għal tali skambju ta' dejta (eż. ostakli legali, amministrattivi jew tekniċi). – <i>Mezzi ta' implimentazzjoni tal-proġett:</i> L-applikanti għandhom juru li r-riżorsi (il-persunal, it-tagħmir, il-finanzjament, eċċ) li se jintużaw huma adegwati għall-

	implimentazzjoni f' waqtha u b' suċċess tal-proġett. B' mod partikolari, l-applikanti għandhom juru li l-mezzi ta' implimentazzjoni tagħhom huma kosteffettivi. – <i>Ġestjoni tal-proġett</i> : L-applikanti għandhom juru li l-organizzazzjoni u l-istruttura ta' ġestjoni proposti għall-proġett huma suffiċjenti biex tinkiseb il-kwalità meħtieġa, jiġu rispettati d-dati ta' skadenza u tiġi stabbilita Sħubija effettiva. – <i>Disseminazzjoni u viżibbiltà</i> : L-applikanti għandhom jiddeskrivu l-pjan ta' disseminazzjoni tagħhom u kif bi ħsiebhom jiżguraw li r-riżultati tal-proġett jintużaw bl-aħjar mod minn oħrajn li mhumiex qegħdin jipparteċipaw fih.
Kofinanzjament involut	Massimu ta' 80 % tal-ispejjeż eliġibbli
Skeda approssimattiva	Sejħa għall-Proposti mnedija fir-raba' trimestru tal-2012

1.2. L-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-istrategġiji tal-baċini tal-baħar

Bażi legali: l-Artikoli 2(d), 3.4 u 5.1(a) tar-Regolament tal-IMP

It-titjib fil-kwalità tal-ħajja fir-reġjuni kostali filwaqt li titqies il-ħtieġa għas-sostenibbiltà, l-opportunitajiet ta' impjeg u l-aċċessibbiltà huma l-oġettivi ewlenin tal-kooperazzjoni fil-livell tal-baċin tal-baħar. F'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u ma' pajjiżi terzi, il-Kummissjoni se tagħti appoġġ lill-iżvilupp ta' governanza marittima u ta' kompetenza għas-segwitu tal-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni marittima u ta' proġetti biex ikunu żgurati l-valur miżjud u s-sostenibbiltà tagħhom. Ħafna ideat tajbin m'għandhomx ir-riżorsi biex dawn jitwettqu. Barra minn hekk, proġetti konkreti bi prova dwar ċerti funzjonijiet marittimi jistgħu jitrawmu u jippermettu lill-Istati Membri u lill-pajjiżi terzi biex issaħħu l-kooperazzjoni tagħhom (pereżempju l-Pjan ta' Azzjoni għall-Atlantiku u għas-subreġjun tal-Adrijatiku-Joniku). Dan l-appoġġ ta' kwalità se jkun fundamentali biex iwassal proposti ta' kwalità li jwasslu għall-implimentazzjoni tal-fondi reġjonali mill-Istati Membri permezz tal-Istrategġiji tal-Baċini tal-Baħar. Il-benefiċjarji potenzjali jinkludu l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali kif ukoll partijiet interessati oħra bħal NGOs, organizzazzjonijiet tal-imsieħba soċjali jew impriżi privati.

1.2.1. *Proġetti bi prova dwar il-kooperazzjoni fl-esekuzzjoni ta' bosta funzjonalitajiet marittimi fil-livell subreġjonali jew tal-baċini tal-baħar*

Il-kooperazzjoni u/jew il-koordinazzjoni msaħħa bejn l-awtoritajiet marittimi operattivi fil-livelli reġjonali u tal-UE huma oġettivi li qed jippruvaw jilħqu kemm il-Parlament Ewropew, u l-Kummissjoni kif ukoll dan l-aħħar l-Istati Membri. Il-proġett għandu l-għan li jittestja fuq il-post kooperazzjoni bħal din bil-għan li jkejjel il-kostbenefiċċji u jintegra l-kultura ta' kooperazzjoni transkonfinali u transettorjali – u b'hekk jibbenefika l-iżvilupp ta' Ambjent Komuni għall-Qsim tal-Infurmazzjoni (Common Information Sharing Environment - CISE). Il-benefiċjarji potenzjali huma awtoritajiet pubbliċi li jesegwixxu funzjonijiet marittimi fil-livell nazzjonali jew lokali. Il-proġett huwa madankollu intenzjonat għall-benefiċċju kemm tal-amministrazzjonijiet nazzjonali kif ukoll taċ-ċittadini.

Tip	Ftehim ta' għotja għal azzjoni - sejħa għall-proposti
------------	---

Baġit	EUR 2 100 000
Deskrizzjoni	Proġett bi prova f' mill-inqas reġjun/subreġjun wieħed (eż. l-Adrijatiku-Joniku, il-Baħar l-Iswed, il-Mediterran tal-Punent, il-Baħar tat-Tramuntana, il-Baltiku) bil-għan li tissaħħaħ il-kooperazzjoni transkonfinali fl-esekuzzjoni ta' funzjonalitajiet f' pereżempju r-rispons għal tniġġis marittimu, il-ġestjoni tat-traffiku tal-bastimenti, ir-rispons għall-inċidenti u għad-diżastri, it-tfittix u s-salvataġġ, il-kontroll tas-sajd, il-kontroll doganali u tal-fruntieri, l-attivitajiet rilevanti ta' sorveljanza kif ukoll dawk relatati mal-infurzar tal-liġi marittima.
Objettivi u riżultati mistennija	L-objettiv ewlieni huwa li tiġi appoġġjata iktar il-kooperazzjoni transkonfinali operattiva bejn l-awtoritajiet pubbliċi f' mill-inqas tlieta mill-funzjonalitajiet ta' hawn fuq fir-reġjun/fis-subreġjun rispettivi; il-kooperazzjoni se tiġi żviluppata bħala każ bi prova u l-ispejjeż u l-benefiċċji rispettivi se jiġu evalwati. Kull kooperazzjoni ttestjata u l-analiżi tal-kostbenefiċċji se jwasslu għal konklużjonijiet li għandhom jiġu applikati fuq skala ikbar, possibbilment għall-baċini kollha tal-baħar tal-UE u jikkontribwixxu wkoll għall-iżvilupp tal-Ambjent Komuni għall-Qsim tal-Infurmazzjoni.
Kriterji essenzjali tal-għażla u tal-għoti	<p><u>Kriterji tal-għażla:</u></p> <p>L-applikanti għandu jkollhom il-kapaċità ekonomika, finanzjarja, teknika u professjonali meħtieġa biex jimplimentaw u jlestu l-proġett propost. L-applikazzjoni għandha turi l-istatus legali tal-applikant u l-kapaċità finanzjarja u operattiva tiegħu biex iwettaq il-proġett propost.</p> <p><u>Kriterji tal-għoti:</u></p> <p>– <i>Rilevanza:</i> L-applikanti għandhom jiddeskrivu kif huma jifhmu l-objettivi tal-proġett, kif il-proposta tagħhom tindirizza dawn l-objettivi u sa liema punt il-proġett se jkollu impatt fir-rigward ta' sitwazzjonijiet eżistenti dwar kost/benefiċċji u l-effiċjenza fl-implimentazzjoni ta' liġi marittima internazzjonali u tal-UE permezz ta' kooperazzjoni transkonfinali f' mill-inqas tlieta mill-funzjonalitajiet hawn fuq indikati fiż-żona/i magħżula. Għandha tintwera wkoll konformità mal-kriterji li ġejjin: (1) il-kooperazzjoni ta' awtoritajiet differenti fl-eżekuzzjoni tal-funzjonalitajiet rispettivi minn mill-inqas żewġ Stati Membri, (2) l-involviment possibbli ta' pajjiżi terzi (kandidati, potenzjali u/jew pajjiżi tal-PEV).</p> <p>– <i>Valur miżjud u innovazzjoni:</i> L-applikanti għandhom juru li l-proġett se jżid mal-effiċjenza, mal-għarfien u mal-</p>

	<p>esperjenza eżistenti rilevanti għall-eżekuzzjoni ta' funzjonalitajiet marittimi, u sa liema punt il-proposta tirrappreżenta approċċ innovattiv għall-kooperazzjoni transkonfinali eżistenti fost l-awtoritajiet marittimi pubbliċi. B'mod partikolari, għandha tingħata attenzjoni lill-għażla ta' żona/i xierqa għall-kooperazzjoni transkonfinali. Il-proġett ma għandux iwettaq duplikazzjoni ta' mudelli eżistenti ta' kooperazzjoni/koordinazzjoni marittima bbażati fuq il-leġislazzjoni tal-UE (eż. is-SafeSeaNet, il-CleanSeaNet, in-Network ta' bastimenti lesti għall-azzjoni li jintużaw b'rispons għal tniġġis ikkaġunat minn tixrid ta' żejt [Network of Stand-by Oil Pollution response vessels]) jew proġetti (eż. MONINFO, Safemed II).</p> <p>– <i>Metodoloġija</i>: L-applikanti għandhom jiddeskrivu l-metodoloġija ta' ħidma proposta tagħhom għall-implimentazzjoni f' waqtha u b'suċċess tal-proġett. B'mod partikolari, l-applikanti għandhom jipprovdu skeda/pjan ta' ħidma dettaljat(a). L-applikanti għandhom jiddeskrivu wkoll kif se jiżguraw l-iskambju suffiċjenti ta' dejta bejn il-partiċipanti fil-proġett u fejn jaraw l-isfidi ewlenin għall-iskambju ta' dejta bħal din (eż. ostakli legali, amministrattivi jew tekniċi).</p> <p>– <i>Mezzi ta' implimentazzjoni tal-proġett</i>: L-applikanti għandhom juru li r-riżorsi (il-persunal, it-tagħmir, il-finanzjament, eċċ) li se jintużaw huma adegwati għall-implimentazzjoni f' waqtha u b'suċċess tal-proġett. B'mod partikolari, l-applikanti għandhom juru li l-mezzi ta' implimentazzjoni tagħhom huma kosteffettivi.</p> <p>– <i>Ġestjoni tal-proġett</i>: L-applikanti għandhom juru li l-organizzazzjoni u l-istruttura ta' ġestjoni proposti għall-proġett huma suffiċjenti biex tinkiseb il-kwalità meħtieġa, jiġu rispettati d-dati ta' skadenza u tiġi stabbilita Sħubija effettiva.</p> <p>– <i>Disseminazzjoni u viżibbiltà</i>: L-applikanti għandhom jiddeskrivu l-pjan ta' disseminazzjoni tagħhom u kif bi ħsiebhom jiżguraw li r-riżultati tal-proġett jintużaw bl-aħjar mod minn oħrajn li mhumiex qegħdin jipparteċipaw fih.</p>
Kofinanzjament involut	Massimu ta' 80 % tal-ispejjeż eliġibbli
Skeda approssimattiva	Sejħiet għall-proposti ppubblikati fit-tielet trimestru tal-2012, il-proġetti mnedija fl-ewwel trimestru tal-2013. Proġetti li jdumu minn 6 sa 12-il xahar.

1.3. Kooperazzjoni esterna u koordinazzjoni tad-dimensjoni internazzjonali tal-IMP

Bażi legali: l-Artikoli 2(e), 3.5 u 5.1(a) tar-Regolament tal-IMP

1.3.1. Forum Mediterranju tal-gwardji tal-kosta

Ir-reazzjonijiet effettivi għall-isfidi fil-baċini kondiviżi tal-baħar ma jistgħux jiġu indirizzati mingħajr kooperazzjoni internazzjonali. Il-forum huwa pjattaforma miftuħa mmexxija mill-Istati Membri għall-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet marittimi li għandhom fil-mira tagħhom spazju marittimu iktar sigur u sostenibbli fil-Mediterran. L-Italja (il-Gwardji tal-Kosta) organizzat l-ewwel edizzjoni tal-forum fl-2009. Il-Kummissjoni ddeċidiet li tappoġġja r-rivitalizzazzjoni tal-forum u issa Franza (*Secrétariat Général de la Mer*) se tospita l-edizzjoni li jmiss fl-2012, segwita minn pajjiż Mediterranju ieħor fl-2013. L-awtoritajiet rilevanti tal-pajjiżi ospitanti, kif iddeterminat mill-Istati Membri, se jkunu l-benefiċjarji.

Tip	Ftehim ta' għotja għal azzjoni
Baġit	EUR 300 000
Deskrizzjoni	B'referenza għall-komunikazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea "Lejn Politika Marittima Integrata għal governanza aħjar fil-Mediterran" [COM(2009) 466 finali], u l-"Komunikazzjoni dwar Sħubija għad-Demokrazija u l-Prosperità Komuni fin-Nofsinhar tal-Mediterran" (COM(2011)200 finali), u bħala segwitu għal-livelli ta' kooperazzjoni miksuba s'issa f'dan ir-rigward, fl-2012 u fl-2013 għandu jsejtni forum li jrawwem il-kooperazzjoni fil-funzjonijiet marittimi u tal-gwardji tal-kosta fost l-Istati littorali tal-Mediterran. Il-pajjiż ospitant u l-benefiċjarju ta' din l-għotja se jiġu ddeterminati mill-Istati Membri. Għall-2012, se jkun allokati lil Franza, filwaqt li għall-2013 għad irid jiġi ddeterminat.
Objettivi u riżultati mistennija	L-objettiv ewlieni huwa li jiġi stabbilit qafas għall-kooperazzjoni fost il-korpi li jeżegwixxu funzjonalitajiet bħal dawn pereżempju r-rispons għat-tniġġis marittimu, il-ġestjoni tat-traffiku tal-bastimenti, ir-rispons għall-inċidenti u għad-diżastri, it-tfittix u s-salvataġġ, l-adattament għat-tibdil fil-klima u l-prevenzjoni tar-riskju, il-kontroll tas-sajd u l-infurzar relatat.
Kriterji essenzjali tal-għażla u tal-għoti	Il-pajjiżi ospitanti jiġu ddeterminati għas-snin individwali mill-Istati Membri. Sitwazzjoni ta' monopolju: sussidju dirett lill-organizzatur tal-forum.
Kofinanzjament involut	Massimu ta' 80 % tal-ispejjeż eliġibbli
Skeda approssimattiva	Kuntratt fl-ewwel trimestru tal-2012

2. AKKWIST

INTESTATURA TAL-BAĠIT 11 09 05

2.1. Governanza marittima

Bażi legali: l-Artikoli 2(a), 3.1 u 5.1(b) tar-Regolament tal-IMP

2.1.1. *L-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-governanza integrata tal-affarijiet marittimi u kostali u l-viżibbiltà tal-IMP*

L-oġġettiv huwa li jiġi żgurat li l-Istati Membri u r-reġjuni jagħmlu progress fl-adozzjoni tal-istrateġiji marittimi integrati taġġhom stess, fil-promozzjoni tal-iskambji tal-aħjar prassi u fid-djalogu mal-partijiet interessati kif ukoll fis-sensibilizzazzjoni dwar l-IMP.

Tip	Servizzi u provvisti
Baġit	EUR 1 400 000
Deskrizzjoni	L-oġġettiv ta' din l-azzjoni huwa li tippromwovi u tiffaċilita l-qsim ta' informazzjoni, l-iskambju tal-aħjar prassi, l-isfruttar u t-tiżi ta' sinerġiji u d-djalogu ma' u fost il-partijiet interessati, inkluż mal-imsieħba soċjali, permezz tal-organizzazzjoni ta' konferenzi u seminars, bħal konferenzi fil-livell tal-baċini tal-baħar li jippromwovu l-aħjar prattika dwar kwistjonijiet bħall-ippjanar tal-ispazju marittimu. L-azzjonijiet ta' viżibbiltà jistgħu jinkludu, fost oħrajn, il-ġestjoni ta' siti elettroniċi (MARATLAS, Maritime Forum), pubblikazzjonijiet, materjal awdjoviżiv, stands u fieri.
Modalitajiet ta' implimentazzjoni	Se jiġu konklużi kuntratti speċifiċi taħt il-kuntratt qafas għall-organizzazzjoni ta' konferenzi u seminars dwar il-PAK u l-Affarijiet Marittimi (ref. MARE/2008/08) u l-kuntratt qafas "Taġġrif u attivitajiet ta' komunikazzjoni relatati mal-PAK u mal-Politika Marittima Integrata tal-UE" (ref. MARE 2008/04) kif ukoll taħt il-Kuntratti Qafas immaniġġjati mill-ESTAT U d-DIGIT, u permezz ta' subdelega transversali ma' DIGIT u Arranġamenti Amministrattivi ma' DGs oħra (bħall-JRC). Jistgħu jingħataw ukoll sa' ħames kuntratti diretti biex ikopru l-organizzazzjoni ta' konferenzi.
Skeda approssimattiva	Kuntratti mqassma tul l-2012 u l-2013

2.2. L-iżvilupp ta' għodda transettorjali

2.2.1. *Studji tal-Valutazzjoni tal-Impatt bħala parti mill-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali dwar l-Ambjent Komuni għall-Qsim tal-Infurmazzjoni (CISE) u t-ttejjija tal-Komunikazzjoni lill-PE/Kunsill fl-2013*

Bażi legali: l-Artikoli 2(b), 3.2 u 5.1(b) tar-Regolament tal-IMP

L-inizjattiva tal-Kummissjoni li tintegra s-sorveljanza marittima għib flimkien lill-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri fis-setturi marittimi kollha sabiex ikun jista' jsir l-iskambju ta' dejta dwar sorveljanza marittima. Kooperazzjoni bħal din se ttejjeb l-effikaċja u l-kosteffiċjenza tas-sorveljanza u l-ġestjoni ta' avvenimenti f'ħin reali fuq il-baħar. Il-kejl ta'

dawn l-impatti pożittivi u l-iżgurar ta' konsiderazzjoni xierqa tal-parametri legali kollha huma l-pedament tal-valutazzjoni tal-impatt li twassal għall-possibbiltà ta' proposti politiċi fl-2013.

Tip	Servizzi
Baġit	EUR 1 450 000
Deskrizzjoni	Studji dwar l-iżvilupp kunċettwali ta' CISE. Dawn l-istudji se jkopru l-aspetti tekniċi legali, finanzjarji, ambjentali u soċjali meħtieġa għall-valutazzjoni tal-impatt tal-ħolqien tas-CISE. Ir-risultati tal-istudji se jiffurmaw parti mill-Valutazzjoni tal-Impatt rispettiva u se jappoġġjaw il-proċess lejn l-adozzjoni ta' Komunikazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fl-2013.
Modalitajiet ta' implimentazzjoni	L-abbozz tal-pjan direzzjonali lejn il-ħolqien ta' CISE jipprevedi li l-valutazzjoni tal-impatt issir qabel l-implimentazzjoni ta' CISE. Għal dan il-għan hemm il-ħtieġa li għadd ta' aspetti relatati ma' CISE bħall-vijabbiltà teknika, legali, finanzjarja, soċjali u ambjentali u l-impatt jiġu evalwati kemm individwalment kif ukoll fir-rigward tal-effetti globali tagħhom. Din l-azzjoni tinkludi wkoll l-iżvilupp possibbli tal-ittestjar operattiv tas-CISE f'kooperazzjoni mal-aġenziji tal-UE u possibbilment mal-Istati Membri. Għal dan il-għan se jiġu mnedija kuntratti speċifiċi taħt il-kuntratti qafas eżistenti fi ħdan il-Kummissjoni (eż. MARE/2011/01 Lott 1, DIGIT/ABCII/2) jew ftehim amministrattiv maċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka (Ftehim Nru 31830 210-07 NFP ISP). Jistgħu jingħataw tliet kuntratti diretti dwar l-aspetti varji tal-iżvilupp tas-CISE.
Skeda approssimattiva	Proċeduri mnedija fit-tieni trimestru tal-2012. Kuntratti mqasma tul l-2012 u l-2013

2.2.2. *Rabtiet bejn l-MSP u l-Ġestjoni Integrata taż-Żoni Kostali (ICZM): Ilqsim tal-aħjar prassi dwar il-Ġestjoni Integrata taż-Żoni Kostali (ICZM), f'kuntest ta' adattament għat-tibdil fil-klima fiż-żoni kostali*

Il-Ġestjoni Integrata taż-Żoni Kostali (ICZM) hija politika transversali li għandha l-għan li tiżgura li l-attivitajiet ta' ppjanar kostali jew deċiżjonijiet ta' żvilupp isiru b'mod integrat, minflok b'mod settorjali mingħajr ma jkunu marbuta ma' xulxin. L-MSP u l-ICZM huma bbażati fuq kunċetti relattivament simili fl-indirizzar tal-użu tal-ispazju kostali u marittimu; madankollu hemm ukoll differenzi importanti bejniethom li jeħtieġ li jitqiesu. Dan il-proġett se jkun ta' benefiċċju għall-awtoritajiet tal-Istati Membri, partikolarment fil-livell reġjonali u lokali, peress li ż-żoni kostali u marittimi qegħdin f'riskju li jkunu l-iktar milquta mill-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima, minħabba ż-żieda fil-livell tal-baħar, l-erożjoni kostali u l-għargħar. Dan il-proġett se jissupplixxi lill-Mekkaniżmu tal-UE ta' Ċentru ta' Skambju ta' Tagħrif dwar l-Adattament li jibbenefika minnu, fejn se tiġi pprovduta sistema ta' informazzjoni u skambju tal-aħjar Prattika. Ir-risultati prinċipali tal-proġett, prinċipalment pjattaforma ta' skambju ta' informazzjoni u għodda ta' gwida, se jgħinuhom jaffaċċjaw dawn l-isfidi.

Tip	Servizzi
Baġit	EUR 250 000
Deskrizzjoni	Proġett li għandu l-għan li jistabbilixxi pjattaforma ta' informazzjoni u jiġbor eżempji ta' rabtiet bejn l-Ippjanar tal-Ispazju Marittimu (MSP) u l-Ġestjoni Integrata taż-Żoni Kostali (ICZM): l-iskambju tal-aħjar prassi dwar il-Ġestjoni Integrata taż-Żoni Kostali (ICZM), f'kuntest ta' adattament għall-bidla fil-klima fiż-żoni kostali
Modalitajiet ta' implimentazzjoni	Kuntratti diretti.
Skeda approssimattiva	Sejħa għall-offerti mnedija fit-tieni trimestru tal-2012

2.2.3. *Evalwazzjonijiet ta' għodod transettorjali*

Huma meħtieġa evalwazzjonijiet ex-post għall-attivitajiet kollha li jinvolvu nfiq lil partijiet esterni għall-valutazzjoni tal-impatt, l-effiċjenza u l-effikaċja tagħhom. Għandhom jivvalutaw ukoll is-sostenibbiltà tal-impatti tal-azzjonijiet kif ukoll il-fatturi ewlenin wara s-suċċess jew il-falliment tagħhom. Għall-għarfien marittimu, l-oġġettivi huma l-ewwel nett it-tnejn ta' triq għal strument leġislattiv possibbli li jitlob lill-kumpaniji privati li jwasslu l-informazzjoni miġbura matul l-attivitajiet tagħhom lill-awtoritajiet pubbliċi f'format komuni li jippermetti l-użu mill-ġdid, it-tieni nett it-twertiq tal-evalwazzjoni ex post meħtieġa għall-komponent tal-għarfien marittimu (EMODNet) tal-azzjonijiet preparatorji. L-evalwazzjonijiet se jsiru minn konsulent magħżul għal kuntratt qafas permezz ta' Sejħa miftuħa għall-Offerti.

Tip	Servizzi
Baġit	EUR 550 000
Deskrizzjoni	Studji li jappoġġjaw il-valutazzjoni tal-impatt u l-evalwazzjoni għal attivitajiet fir-rigward ta' għodda transettorjali. L-eżempji jinkludu: (1) evalwazzjoni tal-ispiża u l-benefiċċji ta' rappurtar obbligatorju tad-dejta tal-baħar miksuba minn operaturi ta' attivitajiet liċenzjati lil hinn mill-kosta; (2) evalwazzjoni tal-effikaċja, l-effiċjenza, ir-rilevanza u l-ġestjoni ta' attivitajiet imwettqa taħt l-kappa tal-inizjattiva 2020 dwar l-għarfien tal-baħar; (3) evalwazzjoni ex post tal-impatt, l-effiċjenza u l-effikaċja ta' żewġ Azzjonijiet Preparatorji dwar l-Ippjanar tal-Ispazju Marittimu fil-Baħar Baltiku u fil-Baħar tat-Tramuntana.
Modalitajiet ta' implimentazzjoni	Kuntratt speċifiku li għandu jiġi konkluż taħt il-kuntratt qafas futur għall-attivitajiet ta' Evalwazzjoni u tal-Valutazzjoni tal-Impatt għad-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd/Lott 1 (ref. MARE/2011/01).
Skeda approssimattiva	Kuntratti mqasmma tul l-2012 u l-2013. Proġetti ta' Evalwazzjoni tal-Ippjanar tal-Ispazju Marittimu mnedija fir-raba' trimestru tal-2012.

2.2.4. *Bażi ta' għarfien għal tkabbir u innovazzjoni fl-ekonomija relatata mal-oċeani. Il-ġbir u d-disseminazzjoni ta' dejta tal-baħar u l-immappjar ta' qiegħ il-baħar permezz ta' portali tal-internet.*

L-objettiv tal-proġett EMODNet dwar l-għarfien tal-baħar huwa li joħloq pjattaforma għad-dejta biex fiha tinżamm l-informazzjoni pubblika dwar il-baħar, dwar qiegħ il-baħar u dwar l-ekosistemi sabiex titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-organizzazzjonijiet kollha l-oħra pubbliċi u tas-settur privat madwar l-UE. Bħalissa l-awtoritajiet tal-UE jonfqu madwar EUR 1,5 biljun fis-sena fuq il-ġbir ta' dejta tal-baħar, iżda din l-informazzjoni ma tiġix imxerrda b'mod wiesa'. Billi nagħmlu d-dejta tal-baħar aċċessibbli u disponibbli, se ngħinu biex nisfruttaw il-potenzjal kummerċjali tal-baħar li fil-biċċa l-kbira għadu ma ġiex sfruttat. L-istima ta' impatt ta' valutazzjoni (SEC(2010)998) uriet żieda ta' EUR 300 miljun kull sena fil-kompetittività għal utenti eżistenti ta' dejta tal-baħar - għall-industrija, għall-awtoritajiet lokali u għar-riċerkaturi - jekk l-infrastruttura frammentata attwali tiġi razzjonalizzata. Id-disseminazzjoni tad-dejta se tippermetti wkoll lill-impriżi ż-żgħar u lir-riċerkaturi biex jiżviluppaw servizzi u prodotti ġodda. Il-valur ta' din l-innovazzjoni ġie stmat għal EUR 200 miljun fis-sena.

Il-fażi ta' EMODNet tal-2012-13 se tibni fuq il-pjattaformi żviluppata taħt il-finanzjament tal-baġit tal-UE ta' qabel billi testendi l-kopertura tad-dejta tal-baħar disponibbli għall-ibħra Ewropej kollha. X'aktarx li l-proġetti ppjanati se jiġu implimentati minn konsorzji ta' uffiċċji idrografiċi nazzjonali, minn sħarriġ ġeoloġiku nazzjonali, minn aġenziji għall-protezzjoni tan-natura, minn kumpaniji tat-teknoloġija tal-informatika u/jew minn laboratorji ta' riċerka minn Stati Membri kostali. Fil-fatt, total ta' 53 organizzazzjoni pparteċipaw fil-fażijiet bikrija ta' EMODNet. Minħabba l-kopertura ġeografika usa' li l-ħidma fl-2012-13 fuq l-EMODNet se tinvolvi, huwa mistenni li se jkun hemm parteċipazzjoni saħansitra usa' ta' konsorzji f'din it-tieni sensiela ta' żvilupp.

Il-proġetti ppjanati se jkunu ta' benefiċċju għan-negozji privati li jaħdmu lil hinn mill-kosta u għall-kumpaniji żgħir li jipprovduhom servizzi. Ir-riċerkaturi se jibbenefikaw ukoll minn aċċess għal ġabra ikbar ta' dejta, hekk kif se jibbenefikaw l-awtoritajiet pubbliċi. In-nuqqas ta' dejta affidabbli ġie wkoll identifikat bħala l-ostaklu prinċipali għall-implimentazzjoni effettiva tal-ippjanar tal-ispazju jew il-protezzjoni kostali u huwa qasam fejn l-azzjoni tal-UE tista' ttipprovi l-aktar valur miżjud.

Il-metodu u t-teknoloġija ta' informazzjoni użati għall-fażijiet li seħħew qabel tal-proġett EMODNet ġew approvati permezz ta' evalwazzjoni indipendenti. Il-proġett jibni fuq l-isforzi tal-Istati Membri biex jibnu l-infrastruttura tagħhom stess għad-dejta tal-baħar u jappoġġja l-implimentazzjoni tagħhom tal-istandards konformi ta' EU INSPIRE. Il-proġetti se jkunu stabbiliti wkoll biex jiffaċilitaw ir-rappurtar għad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina [tal-Baħar] kif mitlub mid-Diretturi responsabbli għall-Baħar tal-Istati Membri fil-laqgħa tagħhom tat-8-9 ta' Diċembru 2011 f'Varsavja. Din l-azzjoni se ssir billi tiġi kkunsidrata l-ħidma magħmula fil-qafas tal-Inizjattiva għall-Ipprogrammar Konġunt għar-Riċerka dwar "Ibħra u Oċeani Sani u Produttivi" (JPI Oceans).

Tip	Servizzi
Baġit	EUR 7 590 000
Deskrizzjoni	L-għoti ta' aċċess għal metadejta, dejta u prodotti tad-dejta kkontrollati għall-kwalità dwar qiegħan il-baħar. Se jkun hemm tliet portali – il-batimetrija (il-fond tal-ilma), il-ġeoloġija, u l-habitats fiżiċi. Dawn se jestendu t-tipi ta' dejta tal-baħar ittrattati u l-kopertura ġeografika tas-servizzi żviluppata skont l-azzjonijiet preparatorji dwar il-politika marittima integrata.
Modalitajiet ta' implimentazzjoni	Kuntratti diretti
Skeda approssimattiva	Sejħa għall-offerti mnedija fit-tieni trimestru tal-2012.

2.2.5. *Bażi ta' għarfien għal tkabbir u innovazzjoni fl-ekonomija relatata mal-oċeani – konverġenza u monitoraġġ ta' portali tematiċi*

Il-proġett għandu l-għan li jipprovdi assistenza teknika fil-monitoraġġ u fl-appoġġ tal-interfaċċja unika (portal tal-web) għad-dejta kollha miġbura taħt l-azzjonijiet preparatorji ta' EMODNet u l-proġetti appoġġjati minn dan il-baġit. Fil-fatt, prijorità mqajma waqt l-evalwazzjoni indipendenti ta' EMODNet kienet il-punt uniku ta' servizz għad-dejta kollha miġbura taħt l-"azzjonijiet preparatorji". Il-proġett se jiġi implimentat permezz ta' laboratorju tar-riċerka tal-baħar jew organizzazzjoni oħra bi rwol marittimu li għandha xi kompetenza rikonoxxuta fit-teknoloġija tal-informatika.

Tip	Servizzi
Baġit	EUR 600 000
Deskrizzjoni	L-ġħoti ta' assistenza teknika lill-proġetti ta' għarfien tal-baħar permezz tal-iżvilupp ta' portal tal-internet b'punt uniku ta' servizz li jipprovdi aċċess għal dejta, metadejta u prodotti tad-dejta mill-gruppi tematiċi ta' assemblaġġ kollha u ta' assistenza fil-monitoraġġ tal-proġetti.
Modalitajiet ta' implimentazzjoni	Kuntratti diretti
Skeda approssimattiva	Sejħa għall-offerti mnedija fit-tieni trimestru tal-2012.

2.3. Il-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar u l-użu sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar u kostali

Bażi legali: l-Artikoli 2(c), 3.3 u 5.1(b) tar-Regolament tal-IMP

2.3.1. L-iżvilupp ta' standards metodoloġiċi fir-rigward ta' status ambjentali tajjeb

L-objettiv huwa li jiġu żviluppati aktar jew li jittejjew standards metodoloġiċi ġodda u speċifikazzjonijiet li se jiżguraw l-implimentazzjoni armonizzata jew, tal-inqas komparabbli tad-deskrizzjoni, tal-kriterji u tal-indikaturi għal status ambjentali tajjeb kif deskritt fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/477/UE. Ir-riżultat ta' din il-ħidma se jkun il-bażi għar-reviżjoni ta' din id-Deċiżjoni jekk u meta jkun xieraq. Il-benefiċjarji potenzjali huma primarjament l-awtoritajiet pubbliċi involuti fl-implimentazzjoni tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina [tal-Baħar] (2008/56/KE). Dawk l-azzjonijiet se jippromwovu wkoll l-iskambju tal-aħjar prassi bejn il-partijiet interessati, u t-titjib tad-djalogu mal-Kummissjoni. Dan se jkun ta' benefiċċju għar-riċerka u għall-industriji li jistgħu jiskambjaw ideat innovattivi; għall-NGOs li jitolbu għal ġestjoni iktar koerenti tal-baħar; għall-awtoritajiet li għandhom dmirijiet relatati mal-regolazzjoni ekonomika jew mal-protezzjoni ambjentali.

Tip	Servizzi
Baġit	EUR 900 000
Deskrizzjoni	L-iżvilupp ta' standards metodoloġiċi fir-rigward ta' status ambjentali tajjeb tal-ibħra taħt id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina [tal-Baħar] (2008/56/KE).
Modalitajiet ta' implimentazzjoni	Se jiġu konklużi kuntratti speċifiċi bħala parti mill-Kuntratt Qafas ġdid ("appoġġ għall-implimentazzjoni tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina"), li se jitnedew permezz ta' sejħa miftuħa għall-offerti.
Skeda approssimattiva	Proċedura ta' akkwist għall-kuntratt qafas inniedi fit-tieni trimestru tal-2012. Kuntratti speċifiċi mqassma tul l-2012 u l-2013.

2.3.2. Skart tal-baħar u pressjonijiet emerġenti oħra fuq l-ambjent tal-baħar

L-objettiv huwa li jiġu identifikati pressjonijiet emerġenti fuq l-ambjent tal-baħar, l-iskala u l-importanza tagħhom u l-impatt tagħhom. Abbażi ta' dan, għandhom isiru suġġerimenti għal miżuri possibbli bil-għan li jinfurmaw u jassistu lill-Istati Membri fit-tnejn tal-programm ta' miżuri nazzjonali tagħhom kif previst fl-Artikolu 13 tad-Direttiva 2008/56/KE. Il-benefiċjarji potenzjali huma primarjament l-awtoritajiet pubbliċi involuti fl-implimentazzjoni tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina [tal-Baħar] (2008/56/KE). Dawk l-azzjonijiet se jippromwovu wkoll l-iskambju tal-aħjar prassi bejn il-partijiet interessati, u t-titjib tad-dialogu mal-Kummissjoni. Se jkunu ta' benefiċċju għar-riċerka u għall-industrija li jistgħu jiskambjaw ideat innovattivi; għall-NGOs li jitolbu għal ġestjoni iktar koerenti tal-baħar; għall-awtoritajiet li għandhom dmirijiet relatati mal-regolazzjoni ekonomika jew mal-protezzjoni ambjentali.

Tip	Servizzi
Baġit	EUR 1 250 000
Deskrizzjoni	Proġett dwar l-oriġini, il-firxa u l-miżuri possibbli fir-rigward ta' pressjonijiet emerġenti fuq l-ambjent tal-baħar, b'mod partikolari skart tal-baħar, speċijiet invażivi, eċċ. li jindirizza tħassib transettorjali fil-qafas tal-approċċ tal-ekosistema (il-ħolqa għad-deskritturi jinsab fl-Anness I tal-MFSD). Għandu jiġi identifikat l-impatt tagħhom fuq l-ambjent tal-baħar u b'mod partikolari fuq iż-żoni tal-baħar protetti u l-miżuri possibbli fil-livelli globali, tal-UE u fil-livell (sub) nazzjonali b'mod partikolari għall-iskart tal-baħar, inklużi l-problemi emerġenti, l-hekk imsejħa 'plastic soup'. L-iskambju ta' dejta u informazzjoni għandu jkun marbut ma' WISE-MARINE u l-proġett se jinkludi komponent sostanzjali ta' sensibilizzazzjoni.
Modalitajiet ta' implimentazzjoni	Se jiġu konklużi kuntratti speċifiċi bħala parti mill-Kuntratt Qafas ġdid ("appoġġ għall-implimentazzjoni tal-MSFD"), li se jiġu mmedija permezz ta' sejħa miftuħa għall-offerti.
Skeda approssimattiva	Proċedura ta' akkwist għall-kuntratt qafas immedija fit-tieni trimestru tal-2012. Kuntratti speċifiċi mqassma tul l-2012 u l-2013.

2.4. L-iżvilupp tal-istrateġiji tal-baċini tal-baħar

2.4.1. Appoġġ espert għall-iżvilupp ta' governanza marittima u kooperazzjoni fil-livell tal-Baċin tal-Baħar, inkluż biex jiġi żgurat is-suċċess tal-Istrateġiji tal-Baċini tal-Baħar

Se jitnedew sforzi biex tintalab u tinġabar l-opinjoni tal-partijiet interessati, biex il-punti importanti jiġu mqassra, biex jiġi stimulat id-dibattitu u jiġi żgurat li l-partijiet interessati jafu dwar kwistjonijiet tal-UE li huma jistgħu jinfluwenzaw. L-azzjonijiet probabbilment se jiġu implimentati minn konsulenti li għandhom aċċess għal esperti akkademiċi dwar kwistjonijiet marittimi. Minn dan se jibbenefikaw l-industrija li jaħdmu fil-baċin tal-baħar ikkonċernat, l-awtoritajiet pubbliċi li jimmaniġġjaw u l-komunitajiet kostali li l-għajxien tagħhom huwa marbut miegħu.

Tip	Servizzi
Baġit	EUR 700 000
Deskrizzjoni	L-ġhoti ta' għarfien tekniku espert lill-Kummissjoni kif ukoll lill-awtoritajiet nazzjonali rispettivi fuq il-livell tal-baċin tal-baħar. L-esperti se janalizzaw id-dejta u jipprovdu riċerka u suġġerimenti għal attivitajiet koerenti u soluzzjonijiet integrati fit-tnejn ta' strateġiji marittimi, l-appoġġ għall-iżvilupp ta' pjanijiet għal politika marittima, u t-tnejn ta' kontenut ta' konferenzi.
Modalitajiet ta' implimentazzjoni	Se jiġu konklużi kuntratti speċifiċi bħala parti mill-Kuntratt Qafas ġdid inniedi permezz ta' sejħa għall-offerti ("Esperjenza teknika dwar l-IMP"). Jistgħu jingħataw sa ħames kuntratti diretti biex ikopru l-assistenza min-naħa tal-esperti. Alternattivament, il-kuntratti speċifiċi jistgħu jiġu implimentati bl-użu ta' kuntratti qafas eżistenti bħal MARE/2008/04 jew MARE/2008/08.
Skeda approssimattiva	Proċedura ta' akkwist għal Kuntratt ta' Qafas immedija fl-ewwel nofs tal-2012. Kuntratti speċifiċi mqasma tul l-2012 u l-2013.

2.5. Kooperazzjoni esterna u koordinazzjoni tad-dimensjoni internazzjonali tal-IMP

Bażi legali: l-Artikoli 2(e), 3.5 u 5.1(b) tar-Regolament tal-IMP

2.5.1. Konferenza mal-partijiet interessati tal-Baħar l-Iswed

L-appoġġ tal-Bulgarija u tar-Rumanija żied il-kooperazzjoni fl-affarijiet marittimi u s-sajd fil-livell tal-baċin tal-baħar u huma heġqana li jiżviluppaw inizjattivi li jistgħu juru l-valur miżjud tiegħu. Fil-fatt, waħda mill-konklużjonijiet adottata miż-żewġ Stati Membri u mill-Kummissjoni waqt l-avveniment ta' skambju ta' ideat f'Ottubru 2011⁵ kienet il-ħtieġa li l-pajjiżi kostali kollha tal-Baħar l-Iswed jiġu involuti fi djalogu biex inizjattivi bħal dawn jiġu identifikati. Se jiġu mistiedna rappreżentanti mis-sitt pajjiżi kostali, kemm awtoritajiet pubbliċi u atturi privati, kif ukoll organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali li jittrattaw mal-Baħar l-Iswed biex jattendu għal konferenza li tiġbor flimkien il-partijiet interessati mill-pajjiżi kostali kollha tal-Baħar l-Iswed.

⁵ L-avveniment ta' skambju ta' ideat mal-awtoritajiet Bulgari u Rumani dwar l-affarijiet marittimi fil-Baħar l-Iswed; għal iktar informazzjoni: http://ec.europa.eu/maritimeaffairs/events/2011/10/events_20111014_en.htm

Tip	Servizzi
Baġit	EUR 100 000
Deskrizzjoni	L-organizzazzjoni ta' konferenza bil-għan li jiġu promossi u ffaċilitati l-qsim ta' informazzjoni, l-iskambju tal-aħjar prassi u d-djalogu mal-partijiet interessati, inklużi l-imsieħba soċjali fir-reġjun tal-Baħar l-Iswed.
Modalitajiet ta' implimentazzjoni	Se jiġi konkluż kuntratt speċifiku taħt il-kuntratt qafas għall-organizzazzjoni ta' konferenzi u seminars dwar il-PKS u l-Affarijiet Marittimi (ref. MARE/2008/08) jew il-kuntratt qafas "Tagħrif u attivitajiet ta' komunikazzjoni relatati mal-PKS u mal-Politika Marittima Integrata tal-UE" (ref. MARE 2008/04).
Skeda approssimattiva	Kuntratt speċifiku ffirmat fit-tieni trimestru tal-2012

2.6. Tkabbir ekonomiku sostenibbli, impjegi, innovazzjoni u teknoloġiji ġodda

Bażi legali: l-Artikoli 2(f), 3.6 u 5.1(b) tar-Regolament tal-IMP

Fl-2012, il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar Tkabbir Sostenibbli mill-Oċeani, mill-Ibħra u mill-Kosti se tkun indikat l-oqsma prinċipali fejn hemm potenzjal għal tkabbir, b'mod partikolari f'setturi marittimi emerġenti u prospettivi. Din l-azzjoni ta' segwitu se tippermetti li jiġu identifikati proġetti speċifiċi fil-livell nazzjonali u fil-livell tal-baċin tal-baħar li jistgħu jiġu sostnuti minn fondi pubbliċi jew privati. Barra minn hekk, f'kull każ se jitqiesu l-kundizzjonijiet qafas li jwasslu għal tkabbir u għall-impjegi (finanzi/riċerka/innovazzjoni/ħiliet/taħriġ) sabiex f'kull każ jiġu żviluppati l-aħjar prassi biex jinkoraġġixxu l-investiment f'dawn is-setturi.

2.6.1. L-identifikazzjoni u l-appoġġ ta' proġetti "Tkabbir Blu" fis-setturi emerġenti

Tip	Servizzi
Baġit	EUR 2 600 000
Suġġett jew titolu	<p>Objettivi: L-identifikazzjoni ta' proġetti speċifiċi f' setturi marittimi emerġenti u prospettivi b'kunsiderazzjoni għar-restrizzjonijiet u l-kundizzjonijiet speċifiċi f'kull baċin tal-baħar. L-iskambju tal-aħjar prassi għall-istrateġiji ta' investment u għall-promozzjoni ta' impjiegi marittimi u għall-edukazzjoni. L-appoġġ lejn il-konsolidazzjoni ta' gruppi marittimi. L-appoġġ għal għodod li jantiċipaw il-ħiliet, l-impjiegi u l-postijiet tax-xogħol. Il-promozzjoni tat-Tkabbir blu inkluż l-objettiv ta' impjiegi tiegħu. Il-kooperazzjoni kif xieraq mal-partijiet interessati rilevanti kollha.</p> <p>Kompiti:</p> <ol style="list-style-type: none"> 1. L-identifikazzjoni ta' kif attivitajiet ekonomiċi tal-baħar u marittimi b'potenzjal kbir ta' tkabbir u ta' impjiegi jistgħu jiġu promossi fl-iktar livell xieraq (lokali, reġjonali, transnazzjonali jew tal-baċin tal-baħar). 2. Abbażi ta' dawn is-sejbiet isiru proposti biex jindirizzaw id-diskrepanzi fil-finanzi/ir-riċerka/l-innovazzjoni/il-ħiliet/it-taħriġ f'kull każ, pereżempju billi jiġu żviluppati sistemi ta' twissija bikrija u ta' tbassir sabiex jittejjeb l-allinjament tal-provvista tal-ħiliet mad-domanda. 3. L-interazzjonijiet ta' beneficiċċju fost is-setturi ekonomiċi tal-baħar u marittimi jiġu ffaċilitati u akkumpanjati minn azzjonijiet xierqa. 4. L-organizzazzjoni ta' sensiela ta' avvenimenti nazzjonali, reġjonali u transreġjonali biex jiġu diskussi s-sejbiet, inkluża sessjoni ta' ħidma dwar l-impjiegi u l-edukazzjoni fis-settur marittimu. 5. Id-disseminazzjoni tal-aħjar prassi għall-istrateġiji ta' investment abbażi ta' indikaturi għal azzjoni fl-iktar livell xieraq.
Modalitajiet ta' implimentazzjoni	Se jiġu konklużi kuntratti speċifiċi bħala parti minn Kuntratt Qafas ġdid li se jiġi mniedi permezz ta' sejħa għall-offerti ("Tkabbir Blu") u taħt il-kuntratt qafas għall-organizzazzjoni ta' konferenzi u seminars dwar il-PKS u l-Affarijiet Marittimi (ref. MARE/2008/08).
Skeda approssimattiva	Kuntratt qafas inniedi fl-ewwel trimestru tal-2012. Kuntratti speċifiċi mqasma tul l-2012 u l-2013.

2.6.2. Tkabbir u innovazzjoni fl-ekonomija relatata mal-oċeani - Diskrepanzi u prijoritajiet fl-osservazzjoni u fid-dejta tal-baċini tal-baħar

L-objettiv huwa li jiġi appoġġjat l-użu ta' infrastruttura ta' osservazzjoni tal-baħar li toffri l-iktar appoġġ effettiv lill-ekonomija blu. Il-kosteffettività, l-affidabbiltà u l-utilità tal-infrastruttura eżistenti tal-monitoraġġ se jiġu evalwati bl-iżvilupp ta' prodotti bbażati fuq din

id-dejta u jiġi ddeterminat jekk il-prodotti humiex qegħdin jilhqqu l-ħtiġijiet tal-ħaddiema, l-industrija u l-awtoritajiet pubbliċi għall-ħolqien ta' impjiegi u ta' tkabbir.

Tip	Servizzi
Baġit	EUR 1 800 000
Suġġett jew titolu	Biex (1) tiġi evalwata d-disponibbiltà, ir-rilevanza, il-kwantità, il-kwalità tal-osservazzjonijiet u d-dejta tal-baħar eżistenti u (2) jiġu analizzati d-diskrepanzi u l-prijoritajiet skont il-ħtiġijiet tal-industrija u tal-awtoritajiet pubbliċi għall-ħolqien ta' impjiegi u ta' tkabbir f'baċin wieħed tal-baħar. Se jkun hemm żewġ proġetti - wieħed dwar il-Baħar tat-Tramuntana u wieħed dwar il-Mediterran
Modalitajiet ta' implimentazzjoni	Kuntratti diretti.
Skeda approssimattiva	Żewġ sejħiet immedija fit-tieni trimestru tal-2012.

2.6.3. Konferenza tal-Investituri biex jiġi appoġġjat l-iżvilupp marittimu u l-kooperazzjoni mal-pajjiżi msieħba tal-Mediterran, flimkien mal-BEI

Fil-ħarifa tal-2010 ntlaħaq ftehim ta' livell għoli bejn il-Kummissjoni Ewropea, l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali u l-Bank Ewropew għall-Investment dwar il-ħtieġa għal kooperazzjoni iktar b'saħħitha bejn it-tliet istituzzjonijiet dwar l-iżvilupp marittimu fil-Mediterran, partikolarment f'termini tal-istimolu ta' investimenti privati u ta' tkabbir sostenibbli fil-pajjiżi msieħba tal-Mediterran. B'konsegwenza, wara dan ġie mniedi studju ta' vijabbiltà fil-qafas tal-Fond Fiduċjarju tal-FEMIP, bil-għan li jiġu identifikati l-aħjar prassi u rakkomandazzjonijiet għall-istimolu ta' sħubijiet u investimenti pubbliċi-privati (1) fl-infrastruttura marittima, (2) fl-aspetti soċjali u t-taħriġ, (3) fis-sorveljanza u s-sigurtà marittima.

Tip	Servizzi
Baġit	EUR 200 000
Suġġett jew titolu	L-oġġettiv ta' din l-azzjoni huwa li tappoġġja l-organizzazzjoni ta' Konferenza tal-Investituri li ġġib flimkien atturi privati u pubbliċi u istituzzjonijiet ta' finanzjament. Ir-riżultat fil-mira huwa l-identifikazzjoni ta' pjan ta' azzjoni għall-iżvilupp tas-settur marittimu fil-pajjiżi msieħba tal-Mediterran.
Modalitajiet ta' implimentazzjoni	Se jiġu konklużi kuntratti speċifiċi taħt il-kuntratt qafas għall-organizzazzjoni ta' konferenzi u seminars dwar il-PKS u l-Affarijiet Marittimi (ref. MARE/2008/08) jew il-kuntratt qafas "Attivitajiet ta' taġħrif u ta' komunikazzjoni relatati mal-PKS u l-Politika Marittima Integrata tal-UE" (ref. MARE 2008/04).
Skeda approssimattiva	Kuntratt speċifiku iffirmat fit-tieni trimestru tal-2012

3. AZZJONIJIET OĦRA

INTESTATURA TAL-BAĠIT 11 09 05

3.1. Kontinwità ta' arranġament amministrattiv maċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka fir-rigward ta' Ambjent Komuni għall-Qsim tal-Infommazzjoni (CISE)

Bażi legali: l-Artikolu 2(b), 3.2 (b) u 5.1(c) tar-Regolament tal-IMP u l-Artikolu 2(d) tar-Regolament (KE) 1406/2002

Suġġett: Appoġġ għal studji tekniċi dwar Ambjent Komuni għall-Qsim tal-Infommazzjoni (CISE) u l-ġestjoni ta' TAG (Grupp Tekniku Konsultattiv), skont il-passi individwali kif definiti fl-"Abbozz ta' Pjan Direzzjonali li jstabilixxi Ambjent Komuni għall-Qsim tal-Infommazzjoni" (COM/2010/584 finali). Iċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka se jkun involut ukoll fit-twaqqif tekniċu ta' ittestjar operattiv.

Ammont: EUR 350 000

Skeda approssimattiva: Estensjoni tal-Arranġament Amministrattiv attwali (Ftehim Nru 31830 210-07 NFP ISP) maċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka lil hinn mill-2012, il-firma tal-estensjoni fir-raba' trimestru tal-2012.

ANNEX 2

Il-Programm għall-appoġġ tal-iżvilupp ulterjuri ta' Politika Marittima Integrata (2011-2013) – Programm ta' Ħidma għall-2012

1. GĦOTJIET

INTESTATURA TAL-BAĠIT 11 09 05

1.1. L-iżvilupp ta' għodda trasversali

Bażi legali: l-Artikoli 2(b), 3.2 u 5.1(a) tar-Regolament (UE) Nru 1255/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2011 li jstabbilixxi Programm biex jiġi appoġġjat l-iżvilupp ulterjuri ta' Politika Marittima Integrata (minn hawn 'il quddiem ir-“Regolament tal-IMP”)

1.1.1. Proġett dwar l-Ippjanar tal-Ispazju Marittimu fl-Atlantiku, inkluż fil-Baħar Ċeltiku/Bajja ta' Biscay

L-Ippjanar tal-Ispazju Marittimu (MSP) huwa ġeneralment aċċettat bħala għodda kruċjali biex tiġi appoġġjata l-ġestjoni soda tal-ibħra u tal-oċeani. Minkejja l-attivitajiet li għaddejjin ta' ċerti Stati Membri tal-UE fl-implimentazzjoni tal-MSP fil-livell nazzjonali jew reġjonali, fil-preżent il-kooperazzjoni transkonfinali bejn l-Istati Membri għadha limitata. Għalhekk il-Kummissjoni għandha l-intenzjoni li tistimula l-iżvilupp ta' approċċ transkonfinali, ibbażat fuq l-ekosistema lejn l-MSP fiż-żoni tal-baħar Ewropej, fost azzjonijiet oħra permezz ta' proġetti b'kofinanzjament mill-UE f'bosta baċini tal-baħar tal-UE. Il-benefiċjarji potenzjali f'dawn il-proġetti huma korpi pubbliċi tal-Istati Membri li jmissu maż-żona tal-baħar (f'dan il-każ, l-Atlantiku inklużi l-Baħar Ċeltiku u l-Bajja ta' Biscay) kif ukoll il-Konvenzjonijiet reġjonali rilevanti dwar il-baħar (f'dan il-każ, il-Konvenzjoni ta' OSPAR). Il-proġett għandu jinvolvi l-awtoritajiet involuti f'attivitajiet tal-baħar li jinvolvu implikazzjonijiet spazjali.

Tip	Ftehim ta' għotja għal azzjoni – Sejħiet għall-Proposti
Baġit	EUR 1 000 000
Deskrizzjoni	Proġett bi prova biex jinkiseb għarfien u esperjenza prattiċi fl-implimentazzjoni tal-MSP f'żona transkonfinali waħda jew iktar tal-baħar fl-Atlantiku, inklużi l-Baħar Ċeltiku/Bajja ta' Biscay, li għandhom jintgħażlu mill-imsieħba tal-proġett. Fiż-żona/i magħżula, l-imsieħba għandhom jittestjaw b'mod konkret l-implimentazzjoni tal-MSP, inkluż it-twettiq ta' valutazzjoni inizjali, l-iżvilupp ta' pjan tal-ispazju marittimu u s-suġġeriment ta' proċess ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni. Il-proġett għandu jipprovdi valur miżjud lill-attivitajiet ta' kooperazzjoni li diġà għaddejjin f'dan il-qasam u għandu jidentifika l-ostakli eżistenti u potenzjali u jifformula rakkomandazzjonijiet dwar l-applikazzjoni tal-MSP f'żoni transkonfinali. Għandu jesplora wkoll ir-rabtiet bejn l-MSP u l-ICZM u b'hekk jikkontribwixxi għal fehim aħjar tas-similaritajiet u d-differenzi bejn iż-żewġ kunċetti.

Objettivi u riżultati mistennija	L-għan huwa li jiġi stimulat l-iżvilupp ta' MSP transkonfinali abbażi tal-ekosistema, f'konformità mal-10 prinċipji ewlenin tal-Komunikazzjoni dwar il-Pjan Direzzjonali tal-2008. L-ostakli eżistenti u potenzjali għandhom jiġu identifikati u għandhom jiġu fformulati rakkomandazzjonijiet biex jibbenefikaw l-applikazzjoni transkonfinali tal-MSP madwar l-UE. Għandhom jiġu esplorati wkoll ir-rabtiet bejn l-MSP u l-ICZM.
---	--

<p>Kriterji essenzjali tal-għażla u tal-għoti</p>	<p><u>Kriterji tal-għażla:</u> L-applikanti għandu jkollhom il-kapaċità ekonomika, finanzjarja, teknika u professjonali meħtieġa biex jimplimentaw u jlestu l-proġett propost. L-applikazzjoni għandha turi l-istatus legali tal-applikant u l-kapaċità finanzjarja u operattiva tiegħu biex iwettaq il-proġett propost.</p> <p><u>Kriterji tal-għoti:</u></p> <ul style="list-style-type: none"> – <i>Rilevanza:</i> L-applikanti għandhom jiddeskrivu kif huma jifhmu l-oġettivi tal-proġett, kif il-proposta tagħhom tindirizza dawn l-oġettivi u sa liema punt il-proġett se jkollu impatt fir-rigward ta' kwistjonijiet eżistenti relatati mal-MSP fil-qasam/oqsma magħżul(a). – <i>Valur miżjud u innovazzjoni:</i> L-applikanti għandhom juru li l-proġett se jżid mal-għarfien u mal-esperjenza eżistenti rilevanti għall-iżvilupp ta' approċċ komuni għall-MSP fl-UE, u sa liema punt il-proposta tirrappreżenta approċċ innovattiv lejn l-MSP. B'mod partikolari, għandha tingħata attenzjoni lill-għażla ta' żona/i xierqa għall-MSP transkonfinali. – <i>Metodoloġija:</i> L-applikanti għandhom jiddeskrivu l-metodoloġija ta' ħidma proposta tagħhom għall-implimentazzjoni f'waqtha u b'suċċess tal-proġett. B'mod partikolari, l-applikanti għandhom jipprovdu skeda/pjan ta' ħidma dettaljat(a). L-applikanti għandhom jiddeskrivu wkoll kif se jiżguraw l-iskambju suffiċjenti ta' dejta meħtieġa għall-MSP bejn il-partiċipanti fil-proġett u fejn jaraw l-isfidi ewlenin għal tali skambju ta' dejta (eż. ostakli legali, amministrattivi jew tekniċi). – <i>Mezzi ta' implimentazzjoni tal-proġett:</i> L-applikanti għandhom juru li r-riżorsi (il-persunal, it-tagħmir, il-finanzjament, eċċ) li se jintużaw huma adegwati għall-implimentazzjoni f'waqtha u b'suċċess tal-proġett. B'mod partikolari, l-applikanti għandhom juru li l-mezzi ta' implimentazzjoni tagħhom huma kosteffikaċi. – <i>Ġestjoni tal-proġett:</i> L-applikanti għandhom juru li l-organizzazzjoni u l-istruttura ta' ġestjoni proposti għall-proġett huma suffiċjenti biex tinkiseb il-kwalità meħtieġa, jiġu rispettati d-dati ta' skadenza u tiġi stabbilita Sħubija reali. – <i>Disseminazzjoni u viżibbiltà:</i> L-applikanti għandhom jiddeskrivu l-pjan ta' disseminazzjoni tagħhom u kif bi ħsiebhom jiżguraw li r-riżultati tal-proġett jintużaw bl-aħjar mod minn oħrajn li mhumiex qegħdin jipparteċipaw fih.
<p>Kofinanzjament involut</p>	<p>Massimu ta' 80 % tal-ispejjeż eliġibbli</p>

1.2. Tkabbir ekonomiku sostenibbli, impjegi, innovazzjoni u teknoloġiji ġodda**Bażi legali:** l-Artikoli 2(f), 3.6 u 5.1(a) tar-Regolament tal-IMP*1.2.1. Impjegi u edukazzjoni marittimi*

L-ekonomija marittima hija kontributor potenzjali ewlieni ta' tkabbir u ta' impjegi, fir-reġjuni kostali u madwar l-Ewropa, filwaqt li qiegħda tiffaċċja sfidi enormi. Sabiex nisfruttaw dan il-potenzjal u nimmaniġġjaw aħjar ir-ristrutturar u l-bidla, għandhom jiġu solvuti ċerti restrizzjonijiet relatati mal-impjegi u l-edukazzjoni marittimi. Ir-restrizzjonijiet jirrigwardaw pereżempju nuqqas ta' attrazzjoni, għarfien u viżibbiltà tal-ekonomija marittima u l-potenzjal tagħha bħala karriera, restrizzjonijiet dwar il-mobbiltà tax-xogħol u l-iżbilanċ bejn l-opportunitajiet ta' taħriġ disponibbli u l-provvista u d-domanda ta' ħiliet. Għalhekk il-Kummissjoni għandha l-intenzjoni li tistimula l-iżvilupp ta' inizjattivi li se jiġbru flimkien lill-partijiet interessati, b'mod partikolari l-imsieħba soċjali u r-rappreżentanti tal-edukazzjoni u tat-taħriġ, biex jindirizzaw l-iżbilanċ bejn il-ħiliet u l-impjegi marittimi u jippermettu li iktar studenti u professjonisti jibbenefikaw minn mobbiltà professjonali u/jew ġeografika. Benefiċjarji potenzjali jinkludu lil min iħaddem, l-impjegati (inklużi dawk li jfittxu impjieg), l-istudenti, l-għalliema u l-korpi pubbliċi, inklużi istituzzjonijiet edukattivi, madwar l-UE. Bil-għan li jiżdiedu l-kwalifiki, il-potenzjal għall-impieg u l-fehim tal-ekonomija marittima, l-azzjoni se tippermetti lil dawn il-partijiet jieħdu sehem f'inizjattivi u f'programmi li jipprevedu l-mobbiltà u t-tlaqqiġ aħjar tal-edukazzjoni u d-dinja tal-industrija.

Tip	Ftehim ta' għotja għal azzjoni – sejħiet għall-proposti
Baġit	EUR 400 000
Deskrizzjoni	Proġett dwar ħiliet u impjiegi marittimi: ir-rimedju tal-iżbilanċi (bħall-koeżistenza ta' nuqqasijiet u ta' eċċess ta' baħħara fl-UE), li jiffavorixxi l-mobbiltà u l-iskambji ta' prassi tajba fl-esperjenzi professjonali u fit-taħriġ.
Objettivi u rezultati mistennija	Il-proġett għandu l-għan li jstimula l-iżvilupp ta' inizjattivi u ta' programmi li jindirizzaw l-iżbilanċi bejn l-ħiliet marittimi u l-impjiegi, jgħammar lin-nies bil-ħiliet xierqa għall-impjieg u jippermetti wkoll li iktar studenti u professjonisti jibbenefikaw minn mobbiltà professjonali u/jew ġeografika, bil-għan li jiksbu iktar ħiliet u ħiliet aħjar. Dan se jsir fost l-oħrajn billi jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' studenti u professjonisti f'attivitajiet marittimi.
Kriterji essenzjali tal-għażla u tal-għoti	<p><u>Kriterji tal-għażla:</u> L-applikanti għandu jkollhom il-kapaċità ekonomika, finanzjarja, teknika u professjonali meħtieġa biex jimplimentaw u jlestu l-proġett propost. L-applikazzjoni għandha turi l-istatus legali tal-applikant u l-kapaċità finanzjarja u operattiva tiegħu biex iwettaq il-proġett propost.</p> <p><u>Kriterji tal-għoti:</u></p> <ul style="list-style-type: none"> – <i>Rilevanza:</i> L-applikanti għandhom jiddeskrivu kif huma jifhmu l-objettivi tal-proġett, kif il-proposta tagħhom tindirizza dawn l-objettivi u sa liema punt il-proġett se jkollu impatt fir-rigward ta' ostakli eżistenti għall-impjiegi u għall-edukazzjoni marittimi. – <i>Valur miżjud u innovazzjoni:</i> L-applikanti għandhom juru li l-proġett se jżid mal-għarfien u mal-esperjenza eżistenti rilevanti għall-indirizzar tal-piżijiet fuq l-impjiegi u l-edukazzjoni marittimi, u sa liema punt il-proposta tirrappreżenta approċċ innovattiv għall-impjiegi u l-edukazzjoni marittimi. – <i>Metodoloġija:</i> L-applikanti għandhom jiddeskrivu l-metodoloġija ta' ħidma proposta tagħhom għall-implimentazzjoni f'waqtha u b'suċċess tal-proġett. B'mod partikolari, l-applikanti għandhom jipprovdu skeda/pjan ta' ħidma dettaljat(a). – <i>Mezzi ta' implimentazzjoni tal-proġett:</i> L-applikanti għandhom juru li r-riżorsi (il-persunal, it-tagħmir, il-finanzjament, eċċ) li se jintużaw huma adegwati għall-implimentazzjoni f'waqtha u b'suċċess tal-proġett. B'mod partikolari, l-applikanti għandhom juru li l-mezzi ta' implimentazzjoni tagħhom huma kosteffettivi. – <i>Ġestjoni tal-proġett:</i> L-applikanti għandhom juru li l-organizzazzjoni u l-istruttura ta' ġestjoni proposti għall-proġett huma suffiċjenti biex tinkiseb il-kwalità meħtieġa, jiġu rispettati d-dati ta' skadenza u tiġi stabbilita Sħubija effettiva. – <i>Disseminazzjoni u viżibilità:</i> L-applikanti għandhom jiddeskrivu l-pjan ta' disseminazzjoni tagħhom u kif bi ħsiebhom jiżguraw li r-riżultati tal-proġett jintużaw bl-aħjar mod minn oħrajn li mhumiex qegħdin jipparteċipaw fih.
Kofinanzjament involut	Massimu ta' 80 % tal-ispejjeż eliġibbli
Skeda approssimattiva	Sejħa għall-proposti mnedija fit-tielet trimestru tal-2012

2. AKKWIST

INTESTATURA TAL-BAĠIT 11 09 05

2.1. Governanza marittima

Bażi legali: l-Artikoli 2(a), 3.1 u 5.1(b) tar-Regolament tal-IMP

2.1.1. L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' governanza integrata ta' affarijiet marittimi u kostali u l-viżibbiltà tal-IMP

L-objettiv huwa li jiġi żgurat li l-Istati Membri u r-reġjuni jagħmlu progress fl-adozzjoni tal-istrateġiji marittimi integrati proprji tagħhom, fil-promozzjoni tal-iskambji tal-aħjar prassi u fid-djalogu mal-partijiet interessati kif ukoll fis-sensibilizzazzjoni dwar l-IMP.

Tip	Servizzi u provvisti
Baġit	EUR 1 900 000
Deskrizzjoni	L-objettiv ta' din l-azzjoni huwa li tippromwovi u tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni, l-iskambju tal-aħjar prassi, l-isfruttar u t-tisħiħ tas-sinerġiji u d-djalogu ma' u fost il-partijiet interessati, permezz tal-organizzazzjoni ta' konferenzi u seminars, bħal konferenzi fl-livell tal-baċin tal-baħar li jippromwovu l-aħjar Prattika dwar kwistjonijiet bħall-ippjanar tal-ispazju marittimu. L-azzjonijiet ta' viżibbiltà jistgħu jinkludu, fost oħrajn, il-ġestjoni ta' siti elettroniċi (MARATLAS, Maritime Forum), pubblikazzjonijiet, materjal awdjoviżiv, stands u fieri.
Modalitajiet ta' implimentazzjoni	Se jiġu konklużi kuntratti speċifiċi taħt il-kuntratt qafas għall-organizzazzjoni ta' konferenzi u seminars dwar il-PKS u l-Affarijiet Marittimi (ref. MARE/2008/08) u l-kuntratt qafas "Tagħrif u attivitajiet ta' komunikazzjoni relatati mal-PKS u mal-Politika Marittima Integrata tal-UE" (ref. MARE 2008/04) kif ukoll taħt il-Kuntratti Qafas immaniġġjati mill-ESTAT u mid-DIGIT, u permezz ta' subdelega trasversali ma' DIGIT u Arranġamenti Amministrattivi ma' Direttorati Ġenerali oħra (bħal-Ċentru Konġunt Għar-Riċerka). Jistgħu jingħataw ukoll sa ħames kuntratti diretti biex ikopru l-organizzazzjoni ta' konferenzi.
Skeda approssimattiva	Kuntratti speċifiċi mqasma tul l-2012 u l-2013

2.2. L-iżvilupp ta' għodda transettorjali

Bażi legali: l-Artikoli 2(b), 3.2 u 5.1(b) tar-Regolament tal-IMP

2.2.1. *L-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali dwar l-Ambjent Komuni għall-Qsim tal- Informazzjoni u t-tnejja ta' Komunikazzjoni lill-PE/Kunsill fl-2013*

L-inizjattiva tal-Kummissjoni li tintegra s-sorveljanza marittima għib flimkien l-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri fis-setturi marittimi kollha biex jiġi permess l-iskambju ta' dejta ta' sorveljanza marittima. Kooperazzjoni bħal din se ttejjeb l-effikaċja u l-kosteffiċjenza tas-sorveljanza u l-ġestjoni ta' avvenimenti f'ħin reali fuq il-baħar. Il-kejl ta' dawn l-impatti pożittivi u l-iżgurar ta' kunsiderazzjoni xierqa tal-parametri legali kollha huma l-pedament tal-valutazzjoni tal-impatt li jwassal għall-possibbiltà ta' proposti politiċi fl-2013. Skont is-servizz mitlub, il-benefiċjarji se jkunu kuntratturi esterni jew DĠs tal-Kummissjoni skont il-Ftehim(iet) Amministrattiv(i).

Tip	Servizzi
Baġit	EUR 1 500 000
Deskrizzjoni	Studji dwar l-iżvilupp kunċettwali ta' CISE. Dawn l-istudji se jkopru l-aspetti tekniċi legali, finanzjarji, ambjentali u soċjali meħtieġa għall-valutazzjoni tal-impatt tal-ħolqien ta' CISE. Ir-risultati tal-istudji se jiffurmaw parti mill-Valutazzjoni tal-Impatt rispettiva u se jappoġġjaw il-proċess lejn l-adozzjoni ta' Komunikazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fl-2013.
Modalitajiet ta' implimentazzjoni	L-abbozz tal-pjan direzzjonali lejn il-ħolqien ta' CISE jipprevedi li l-valutazzjoni tal-impatt issir qabel l-implimentazzjoni ta' CISE. Għal dan il-għan hemm il-ħtieġa li għadd ta' aspetti relatati ma' CISE bħall-vijabbiltà teknika, legali, finanzjarja, soċjali u ambjentali u l-impatt jiġu evalwati kemm individwalment kif ukoll fir-rigward tal-effetti globali tagħhom. Din l-azzjoni tinkludi wkoll l-iżvilupp possibbli tal-ittestjar operattiv ta' CISE f'kooperazzjoni mal-aġenziji tal-UE u possibbilment mal-Istati Membri. Għal dan il-għan huwa previst li jiġu użati l-kuntratti qafas eżistenti fi ħdan il-Kummissjoni (eż. MARE/2011/01 Lott 1, DIGIT/ABCII/2) jew ftehim amministrattiv maċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka (Ftehim Nru 31830 210-07 NFP ISP). Jistgħu jingħataw tliet kuntratti diretti dwar l-aspetti varji tal-iżvilupp ta' CISE.
Skeda approssimattiva	Kuntratti speċifiċi mqassma tul l-2012 u l-2013. Proċeduri mnedija fit-tieni trimestru tal-2012.

2.2.2. *Bażi ta' għarfien għal tkabbir u innovazzjoni fl-ekonomija relatata mal-oċeani – Il-ġbir u d-disseminazzjoni ta' dejta marittima u l-immappjar ta' qiegħ il-baħar permezz ta' portali tal-internet.*

L-oġġettiv tal-proġett EMODNet dwar l-għarfien tal-baħar huwa li joħloq pjattaforma għad-dejta biex fiha tinżamm l-informazzjoni pubblika dwar il-baħar, dwar qiegħ il-baħar u dwar l-ekosistemi sabiex titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-organizzazzjonijiet kollha l-oħra pubbliċi u tas-settur privat madwar l-UE. Bħalissa l-awtoritajiet tal-UE jonfqu madwar EUR 1,5 biljun fis-sena fuq il-ġbir ta' dejta marittima, iżda din l-informazzjoni ma tiġix imxerrda b'mod wiesgħa. Jekk nagħmlu d-dejta tal-baħar aċċessibbli u disponibbli, se nġhinu biex nisfruttaw

il-potenzjal kummerċjali tal-baħar li fil-bieċa l-kbira għadu ma ġiex sfruttat. L-istima ta' impatt ta' valutazzjoni (SEC(2010)998) uriet żieda ta' EUR 300 miljun kull sena fil-kompetittività għal utenti eżistenti ta' dejta tal-baħar - għall-industrija, l-awtoritajiet lokali u r-riċerkaturi - jekk l-infrastruttura frammentata attwali tiġi razzjonalizzata. Id-disseminazzjoni tad-dejta se tippermetti wkoll lill-impriżi ż-żgħar u lir-riċerkaturi biex jiżviluppaw servizzi u prodotti ġodda. Il-valur ta' din l-innovazzjoni ġiet stmata għal EUR 200 miljun fis-sena.

Il-fażi ta' EMODNet tal-2012-13 se tibni fuq il-pjattaformi żviluppata taħt il-finanzjament tal-baġit tal-UE ta' qabel billi testendi l-kopertura tad-dejta tal-baħar disponibbli għall-ibħra Ewropej kollha. X'aktarx li l-proġetti ppjanati se jiġu implimentati minn konsorzji ta' uffiċċji idrografiċi nazzjonali, minn sħarriġ ġeoloġiku nazzjonali, minn aġenziji għall-protezzjoni tan-natura, minn kumpaniji tat-teknoloġija tal-informatika u/jew minn laboratorji ta' riċerka minn Stati Membri kostali. Fil-fatt, total ta' 53 organizzazzjoni pparteċipaw fil-fażijiet bikrija ta' EMODNet. Minħabba l-kopertura ġeografika usa' li se tinvolvi l-ħidma fl-2012-13 fuq l-EMODNet, huwa mistenni li se jkun hemm parteċipazzjoni saħansitra usa' ta' konsorzji f'din it-tieni sensiela ta' żvilupp.

Il-proġetti ppjanati se jkunu ta' benefiċċju għan-negozji privati li jaħdmu lil hinn mill-kosta u għall-kumpaniji żgħar li jipprovduhom servizzi. Ir-riċerkaturi se jibbenefikaw ukoll minn aċċess għal ġabra ikbar ta' dejta, u se jibbenefikaw ukoll l-awtoritajiet pubbliċi. In-nuqqas ta' dejta affidabbli ġie wkoll identifikat bħala l-ostaklu prinċipali għall-implimentazzjoni effettiva tal-ippjanar tal-ispazju jew il-protezzjoni kostali u huwa qasam fejn l-azzjoni tal-UE tista' tipprovdi l-aktar valur miżjud.

Il-metodu u t-teknoloġija tal-informatika użati għall-fażijiet li seħħew qabel tal-proġett EMODNet ġew approvati permezz ta' evalwazzjoni indipendenti. Il-proġett jibni fuq l-isforzi tal-Istati Membri biex jibnu l-infrastruttura tagħhom stess għad-dejta tal-baħar u jappoġġja l-implimentazzjoni tagħhom tal-istandards konformi ta' EU INSPIRE. Il-proġetti se jkunu stabbiliti wkoll biex jiffaċilitaw ir-rappurtar għad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina [tal-Baħar] kif mitlub mid-Diretturi responsabbli għall-Baħar tal-Istati Membri fil-laqgħa tagħhom tat-8-9 ta' Diċembru 2011 f'Varsavja. Din l-azzjoni se ssir billi tiġi kkunsidrata l-ħidma magħmula fil-qafas tal-Inizjattiva għall-Ipprogrammar Konġunt għar-Riċerka dwar "Ibħra u Oċeani Sani u Produttivi" (JPI Oceans).

Tip	Servizzi
Baġit	EUR 8 760 000
Suġġett jew titolu	L-għoti ta' aċċess għal metadejta, dejta u prodotti tad-dejta kkontrollati għall-kwalità permezz ta' portali tal-internet. Se jkun hemm erba' portali – il-kimika, il-fiżika, il-bijoloġija u l-attività tal-bniedem. Dawn se jestendu t-tipi ta' dejta tal-baħar ittrattati u l-kopertura ġeografika tas-servizzi żviluppata skont l-azzjonijiet preparatorji dwar il-politika marittima integrata.
Modalitajiet ta' implimentazzjoni	Kuntratti diretti
Skeda approssimattiva	Sejħa għall-offerti b'erba' lottijiet. Sejħiet immedja fit-tieni trimestru tal-2012.

2.3. Il-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar u l-użu sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar u kostali

Bażi legali: l-Artikoli 2(c), 3.3 u 5.1(b) tar-Regolament tal-IMP

2.3.1. *Koordinazzjoni bejn ir-reġjuni marittimi differenti fl-implimentazzjoni tal-approċċ tal-ekosistema*

L-implimentazzjoni tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina [tal-Baħar] (2008/56/KE) teħtieġ strateġiji koerenti fi ħdan ir-reġjuni tal-baħar u bejniethom. Dan huwa partikolarment importanti għall-Istati Membri li jaqsmu l-ilmijiet tal-baħar f'reġjuni differenti. Minħabba f'hekk hemm bżonn ta' mekkaniżmu permanenti ta' koordinazzjoni u pjattaforma għall-kooperazzjoni interreġjonali fir-rigward tal-valutazzjoni, l-istabbiliment ta' miri u l-monitoraġġ tal-ilmijiet tal-baħar, li mill-inqas jinvolve l-OSPAR, il-Konvenzjoni ta' Barċellona, il-HELCOM u l-Konvenzjoni ta' Bukarest. Dan hu appoġġjat minn għadd ta' attivitajiet li jappoġġjaw lir-reġjuni marittimi kollha (l-Atlantiku tal-Grigal, il-Mediterran, il-Baħar Baltiku u l-Baħar l-Iswed), bħal sessjonijiet ta' ħidma regolari, l-iskambju tal-aħjar prassi, l-allinjament tar-rappurtar jew l-iskambju tal-għarfien, il-progress lejn status ambjentali tajjeb. Il-benefiċjarji potenzjali f'dawn il-proġetti huma korpi pubbliċi tal-Istati Membri li huma partijiet kontraenti għall-Konvenzjonijiet tal-baħar reġjonali kif ukoll il-konvenzjonijiet reġjonali tal-baħar innifishom. Il-proġett għandu jinvolve l-awtoritajiet involuti fil-ħidma tal-Konvenzjonijiet tal-baħar reġjonali.

Tip	Servizzi
Baġit	EUR 1 000 000
Suġġett jew titolu	L-istabbiliment ta' pjattaforma ta' koordinazzjoni bejn ir-reġjuni marittimi differenti tal-UE (l-Atlantiku tal-Grigal, il-Mediterran, il-Baħar Baltiku u l-Baħar l-Iswed) fl-implimentazzjoni tal-approċċ tal-ekosistema u l-iskambju ma' reġjuni tal-baħar oħrajn.
Modalitajiet ta' implimentazzjoni	Se jiġu konklużi kuntratti speċifiċi bħala parti mill-Kuntratt Qafas ġdid li se jiġi mniedi permezz ta' sejħa għall-offerti ("Appoġġ għall-implimentazzjoni tal-MFSD").
Skeda approssimattiva	Kuntratt qafas inniedi fit-tieni trimestru tal-2012. Kuntratti speċifiċi mqasma tul l-2012 u l-2013.

2.4. L-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-istrateġiji tal-baċini tal-baħar

Bażi legali: l-Artikoli 2(d), 3.4 u 5.1(b) tar-Regolament tal-IMP

2.4.1. *Appoġġ espert għall-iżvilupp ta' governanza marittima u kooperazzjoni fil-livell tal-Baċin tal-Baħar, inkluż biex jiġi żgurat is-suċċess tal-Istrateġiji tal-Baċini tal-Baħar*

Se jitnedew sforzi biex tintalab u tinġabar l-opinjoni tal-partijiet interessati, biex il-punti importanti jiġu mqasra, jiġi stimulat id-dibattitu u jiġi żgurat li l-partijiet interessati jkunu jafu dwar kwistjonijiet tal-UE li huma jistgħu jinfluwenzaw. Il-proġett probabbilment se jiġi implimentat minn konsulenti li għandhom aċċess għal esperti mid-dinja akkademika dwar kwistjonijiet marittimi. Minn dan se jibbenefikaw l-industriji li jaħdmu fil-baċin tal-baħar

ikkonċernat, l-awtoritajiet pubbliċi li jimmaniġġjawh u l-komunitajiet kostali li l-għajxien tagħhom huwa marbut miegħu.

Tip	Servizzi
Baġit	EUR 700 000
Suġġett jew titolu	L-għoti ta' għarfien tekniku espert lill-Kummissjoni kif ukoll lill-awtoritajiet nazzjonali rispettivi fil-livell tal-baċin tal-baħar. L-esperti se janalizzaw id-dejta u jipprovdu riċerka u suġġerimenti għal attivitajiet koerenti u soluzzjonijiet integrati fit-tnejjija ta' strateġiji marittimi, l-appoġġ għall-iżvilupp ta' pjanijiet għal politika marittima, u t-tnejjija tal-kontenut ta' konferenzi.
Modalitajiet ta' implimentazzjoni	Se jiġu konklużi kuntratti speċifiċi bħala parti mill-Kuntratt Qafas ġdid ("Esperjenza teknika għall-IMP") li se jitnedew permezz ta' sejħa għall-offerti. Jistgħu jingħataw sa ħames kuntratti diretti biex ikopru l-assistenza min-naħa tal-esperti.
Skeda approssimattiva	Proċedura ta' akkwist għal Kuntratt Qafas immedija fl-ewwel nofs tal-2012. Kuntratti speċifiċi mqassma tul l-2012 u l-2013. Alternattivament, il-kuntratti speċifiċi jistgħu jiġu implimentati bl-użu ta' kuntratti qafas eżistenti bħal MARE/2008/04 jew MARE/2008/08.

3. AZZJONIJIET OĦRA

INTESTATURA TAL-BAĠIT 11 09 05

3.1. Evoluzzjoni tas-SafeSeaNet

Bażi legali: l-Artikoli 2(b), 3.2(b) u 5.1(c) tar-Regolament tal-IMP u d-Direttiva 2002/59/KE kif emendata bl-Artikolu 2(d) tar-Regolament (KE) 1406/2002

Suġġett: SafeSeaNet (SSN) hija s-sistema tal-UE għall-iskambju, f'format elettroniku bejn awtoritajiet maħtura fl-Unjoni Ewropea ta' informazzjoni relatata mal-bastimenti u mal-vjaġġi. L-objettiv attwali tas-sistema SSN huwa li tappoġġja attivitajiet tal-UE u tal-Istati Membri għall-finijiet ta' sikurezza marittima, ta' sigurtà marittima u tal-port, ta' protezzjoni ambjentali tal-baħar u s-sigurtà u l-effikaċja tat-traffiku marittimu. Fil-livelli nazzjonali u ċentrali, l-SSN hija mibnija fuq funzjonalitajiet obligatorji tas-sistema li huma kruċjali għall-operazzjoni normali tas-sistema. Il-funzjonalitajiet obligatorji tas-sistema SSN huma li tibgħat, tirċievi, taħżen, tirkupra u twettaq skambju tal-informazzjoni b'mezzi elettroniċi meħtieġa skont il-qafas legali tal-SSN.

Il-proġett propost għal din l-għotja għandu jippermetti l-valutazzjoni, bla ħsara għar-rwol tal-Grupp ta' Tmexxija ta' Livell Għoli stabbilit skont id-Direttiva 2002/59, tal-għażliet disponibbli għall-evoluzzjoni futura tal-SSN biex tappoġġja:

- l-iżvilupp ta' Ambjent Komuni għall-Qsim tal-Infommazzjoni "CISE" għas-sorveljanza tad-dominju marittimu tal-UE permezz tat-trawwim tal-kooperazzjoni bejn is-sistemi, is-setturi u l-awtoritajiet rilevanti fil-livell tal-UE b'mod deċentralizzat;

- l-evalwazzjoni, mil-lat tekniku, organizzattiv u finanzjarju, tal-iżvilupp ulterjuri tal-SSN bħala pjattaforma li tibbenefika lil komunitajiet oħra ta' utenti;
- l-obbligu li fil-livell nazzjonali jiġi stabbilit punt uniku għall-formalitajiet ta' rappurtaż fil-port u l-iskambju ta' dokumenti FAL permezz tal-SSN, abbażi tad-Direttiva 2010/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar formalitajiet ta' rappurtaż għal bastimenti li jaslu fi u/jew jitolqu minn portijiet tal-Istati Membri u li tħassar id-Direttiva 2002/6/KE fil-kuntest tax-xogħol li għaddej fil-grupp ta' ħidma dwar is-simplifikazzjoni amministrattiva u s-servizzi tal-informazzjoni elettronika fil-qasam marittimu ("il-grupp eMS") stabbilit biex jindirizza l-aspetti tekniċi ta' dan l-obbligu;
- il-possibbiltà li jitwettaq skambju ta' dejta bejn is-sistemi (pereżempju bejn l-SSN u l-e-customs (dwana elettronika) jew bejn l-SSN u l-EUROSUR).

Ammont: EUR 700 000

Skeda approssimattiva: Tul totali tal-azzjoni: sentejn. L-iżvilupp ta' speċifikazzjonijiet u l-akkwist ta' appoġġ estern għall-valutazzjoni mitluba mill-EMSA permezz ta' sejħa miftuħa għall-offerti: 9 xhur. L-istadju tal-valutazzjoni: 9 xhur. L-iżvilupp u l-ittestjar tad-dimostrazzjoni tal-kunċett: 6 xhur.

3.2. Arranġament Amministrattiv maċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka (JRC) dwar il-koordinazzjoni u l-iżvilupp ta' standards metodoloġiċi fir-rigward ta' status ambjentali tajjeb tal-ibħra taħt id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina [tal-Baħar] (2008/56/KE)

Bażi legali: l-Artikoli 2(c), 3.3 u 5.1(c) tar,-Regolament tal-IMP

Suġġett: Abbażi tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/477/UE u d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni (SEC(2011) 1255), jeħtieġ li l-istandards metodoloġiċi għal ħafna mill-11-il deskrittur ta' status ambjentali tajjeb jiġu żviluppati f'iktar dettall u, sa fejn possibbli, armonizzati. Il-JRC se jintalab ikompli bl-appoġġ u bil-koordinazzjoni fl-implimentazzjoni b'mod partikolari fir-rigward ta' status ambjentali tajjeb u l-istandards metodoloġiċi tiegħu.

Ammont: EUR 600 000

Skeda approssimattiva: Arranġament amministrattiv maċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka għal 24 xahar li jibda fl-2012.

ANNEX 3

Allokazzjoni ġenerali ta' fondi għall-oqsma ta' nefqa skont ir-Regolament (UE) 1255/2011

Objettivi ġenerali	Limitu	Ammont propost fid-WP	%	Azzjonijiet
(a) Żvilupp u implimentazzjoni ta' governanza integrata ta' affarijiet marittimi u kostali u l-viżibbiltà tal-IMP	mill-inqas 4 %	EUR 3 300 000	8 %	<i>Anness 1:</i> 2.1.1. <i>Anness 2:</i> 2.1.1.
(b) Żvilupp ta' għodda transettorjali	mill-inqas 60 %	EUR 23 750 000	60 %	<i>Anness 1:</i> 1.1.1., 2.2.1., 2.2.2., 2.2.3., 2.2.4., 2.2.5., 3.1. <i>Anness 2:</i> 1.1.1., 2.2.1., 2.2.2., 3.1.
(c) Protezzjoni tal-ambjent tal-baħar u l-użu sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar u kostali	mill-inqas 8 %	EUR 3 750 000	9 %	<i>Anness 1:</i> 2.3.1., 2.3.2. <i>Anness 2:</i> 2.3.1., 3.2.
(d) Żvilupp u implimentazzjoni tal-istrateġiji tal-baċini tal-baħar	mill-inqas 8 %	EUR 3 500 000	9 %	<i>Anness 1:</i> 1.2.1., 2.4.1. <i>Anness 2:</i> 2.4.1.
(e) Kooperazzjoni esterna u koordinazzjoni tad-dimensjoni internazzjonali tal-IMP	massimu ta' 1 %	EUR 400 000	1 %	<i>Anness 1:</i> 1.3.1., 2.5.1.
(f) Tkabbir ekonomiku sostenibbli, impjegi, innovazzjoni u teknoloġiji ġodda.	mill-inqas 4 %	EUR 5 000 000	13 %	<i>Anness 1:</i> 2.6.1., 2.6.2., 2.6.3. <i>Anness 2:</i> 1.2.1.
		EUR 39 700 000		